MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tad-9 ta' Diċembru, 2004

Citazzjoni Numru. 128/2003

**David FARRUĠIA**

**vs**

**George SAMMUT**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fis-6 ta' Frar, 2003, li bih l-attur ippremetta;

Li fid-9 ta' Frar 2001 waqt li l-attur kien qed isuq il-vettura DAJ 852 fi Triq is-Salina, San Pawl il-Baħar, il-konvenut li kien qed isuq il-vettura JCY 883 issorpassa vettura oħra WRT 010 misjuqa minn Anthony Antonelli b'risultat li daħal fuq il-vettura tal-attur b'mod li ikkawżat ħsara inġenti fil-vettura tiegħu u danni fuq il-persuna tiegħu konsistenti f'disabilita permanenti u telf ta' xogħol u spejjes mediċi;

Illi għalhekk għal dan l-inċident u danni konsegwenzjali kien jaħti l-konvenut unikament;

Illi d-ditta assikurattriċi tal-attur ħallsitu għall-ispejjes tal-vettura iżda l-esponent qatt tħallas id-danni għall-ħsara fuq il-persuna tiegħu imsemmija;

Għaldaqstant, l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti għalxiex m'għandiex għal dawn ir-raġunijet premessi:

1. Occorendo tiddikjara l-konvenut responsabbli għall-kolliżżjoni imsemmija u d-danni kawżati lill-attur minħabba l-ġrieħi li ġarrab u d-disabilita' permanenti li ġiet kawżata lilu;

2. Tillikwida dawn id-danni;

3. Tikkundannah iħallas is-somma hekk likwidata lill-attur;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut inġunt għas-subizzjoni, kompriż għall-ittra uffiċjali kontestwali u dik tad-9 ta' Jannar 2003.

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-attur, flimkien mad-dokument mehmuż magħha;

Rat illi l-imħarrek, notifikat kif imiss bl-atti tal-kawża u bl-Avviż tas-Smigħ fil-25 ta' Settembru, 2003[1], ma ressaq l-ebda Nota tal-Eċċezzjonijiet fiż-żmien mogħti lilu mil-liġi u lanqas deher jew bagħat 'il min jidher għalih kull meta ssejħet il-kawża, u għalhekk waqa' kontumaċi;

Rat il-verbal tas-smigħ tas-27 ta' Jannar, 2004, li fih l-attur laqa' l-avviż tas-smigħ tal-kawża u deher għalih avukat li assuma l-patroċinju tal-istess attur;

Semgħet ix-xhieda tal-attur;

[1] Riferti f'paġġ. 8 u 9 *tergo* tal-proċess

Rat il-provi mressqin mill-attur, magħdudin dawk dokumentali;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukat tal-attur;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha tas-6 ta' Mejju, 2004, tal-14 ta' Ottubru, 2004 u tat-18 ta' Novembru, 2004, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal dikjarazzjoni ta' ħtija għal ħabta bejn vetturi f'inċident tat-triq. L-attur jgħid li, fil-ħabta, il-karozza misjuqa minnu ġarrbet ħsarat kbar li għamlet tajjeb għalihom il-kumpannija assikuratriċi tiegħu, iżda peress li huwa ġarrab ukoll ġrieħi li jibqgħu, qiegħed ifittex lill-imħarrek għall-kumpens. L-attur iqis li l-imħarrek waħdu jaħti għall-inċident u li l-ġrieħi li ġarrab huma effett dirett tal-ħabta;

Illi, kif ingħad, l-imħarrek ma ressaq l-ebda kontestazzjoni jew difiża għax-xiljiet tal-attur;

Illi l-fatt waħdu li l-imħarrek ma ikkontestax il-kawża m'huwiex qiegħed jitfisser li huwa stqarr il-ħtija tiegħu, u dan jingħad ukoll fid-dawl tal-fatt li l-kontumaċja tiegħu hija waħda x'aktarx kolpuża. Imma dan l-atteġġament tal-imħarrek jgħabbi lill-Qorti bir-responsabbilta' li tisma' sewwa u tqis kif imiss il-provi mressqa mill-parti attriċi u tara li dak ippruvat jilħaq il-grad ta' konvinċiment mistenni fil-liġi;

Illi għal dak li jirrigwarda r-responsabbilta' għall-inċident ftit hemm diffikulta' f'dan il-każ. Dan jingħad għaliex jidher li l-ħtija għall-inċident mertu tal-kawża diġa' ġie mistħarreġ minn tribunal u ngħataw dwaru deċiżjonijiet li jolqtu lill-partijiet f'din il-kawża[2], u fejn il-ħtija tal-imħarrek Sammut ġiet stabilita;

[2] Ara deċiżjonijiet tat-Tribunal tat-Talbiet Żgħar 7.11.2003 fl-atti tal-Avviżi 183/03AJD u 3008/02AJD

Illi, minbarra dan, jirriżulta wkoll li r-raġuni ewlenija, jekk mhux waħdanija, li wasslet għall-ħabta kienet il-manuvra magħmula mill-imħarrek biex jaqbeż il-karozza misjuqa minn wieħed Anthony Antonelli, liema manuvra ġabitu wiċċ imb'wiċċ mal-vettura misjuqa mill-attur. Manuvra ta' sorpass, waħedha, hija manuvra leġittima u mhix ksur tar-regolamenti tas-sewqan[3], u l-fatt li min ikun qiegħed jaqbeż karozza oħra sejra fl-istess direzzjoni jaqbeż ukoll il-linja tan-nofs tat-triq jew jidħol f'karreġġata oħra mhux element, fih innifsu, li jgħabbi lil min jagħżel dik il-manuvra bil-ħtija ta' inċident[4]. Madankollu, il-manuvra tas-sorpass trid issir b'reqqa[5] u kawtela b'mod li min jagħżel li jipprova jaqbeż karozza jew vettura oħra, irid jieħu qies tal-possibilita' li l-vettura l-maqbuża tista' tibdel ir-rotta. F'każ bħal dan, jaqa' fuq is-sewwieq tal-vettura li qegħda taqla' l-piż li jipprova li s-sewwieq tal-vettura l-maqbuża kien negliġenti fil-mod kif bidel ir-rotta;

Illi r-regolament 74 tal-*Highway Code* jipprovdi li m'għandu jsir l-ebda sorpass fejn triq tiltaqa' ma' oħra jew f'salib it-toroq. Il-ħabta mertu ta' din il-kawża seħħet sewwasew f'medda ta' triq li tgħaqqad toroq li jagħtu għal direzzjonijiet differenti;

Illi jibqa' dejjem jipprevali l-prinċipju li, fejn hemm dubju, wieħed m'għandux jaqbeż vettura oħra jekk ma jkunx ċert li jista' jagħmel dik il-manuvra bla ħsara għalih innifsu u għal ħaddieħor[6];

Illi dawn iċ-ċirkostanzi kollha jwasslu lill-Qorti għall-fehma sħiħa li l-imħarrek Sammut waħdu jaħti għall-inċident li seħħ u dan minħabba nuqqas ta' ħarsien tar-regolamenti tas-sewqan, nuqqas ta' ħila fis-sewqan, u kif ukoll traskuraġni min-naħa tiegħu. Għalhekk, l-imħarrek Sammut irid jagħmel tajjeb għall-ħsara mġarrba mill-attur;

---

[3] Regolament 63 tal-M.V.R.
[4] App. Ċiv. **5.10.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Dobler vs Caruana*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.514**)
[5] P.A. GCD **31.10.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Sultana Bros. Transport Ltd. vs Sabrina Cauchi et***
[6] P.A. GV **13.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet *Michael Grech* ***vs Malcolm Woolsey***

Illi għal dak li jirrigwarda l-likwidazzjoni tad-danni jibda biex jingħad illi l-attur innifsu jiddikjara[7] li l-ħsarat li seħħew fil-karozza li kien qiegħed isuq fil-ħin tal-ħabta għamlet tajjeb għalihom il-kumpannija assikuratriċi tiegħu. Il-pretensjonijiet tal-attur, għalhekk, jinbnew fuq l-ispejjeż li nefaq biex iddewwa (id-*damnum emergens*) u n-nuqqas ta' telf għall-ġejjieni li huwa jgħid li sejjer isofri minħabba li baqa' jbati minn debilita' parzjali li ma tfiqx (il-*lucrum cessans*);

Illi bħala spejjeż li l-attur nefaq fiż-żmien wara l-inċident u bħala effett dirett tal-ġrieħi li ġarrab, tressqu provi dokumentali[8]. Dawn l-ispejjeż saru f'medda ta' ftit ġimgħat wara l-inċident u jidher li jaqblu mal-għamla ta' ġrieħi li l-attur ġarrab dakinhar, kif jixhed ukoll iċ-ċertifikat mediku datat 19 ta' Frar, 2001[9]. Dawn l-ispejjeż jitilgħu għal tlieta u disgħin lira Maltija (Lm 93);

Illi fil-każ tal-attur ġara li, minkejja li kien inżamm l-isptar għal osservazzjoni, l-aċċertamenti li sarulu ma kinux urew kawża oħra ta' wġigħ li saret magħrufa biss wara xi xhur mill-inċident. F'każijiet bħal dawn, wieħed irid joqgħod b'seba' għajnejn li jara li debilita' bħal din ma tkunx inħolqot minn xi okkażjoni li seħħet wara l-inċident jew li ma jkun ikollha xejn x'taqsam miegħu. Wieħed irid joqgħod attent ukoll li min jilmenta minn ġrieħi fejn jipprevali s-sens ta' wġigħ, ma jkunx qiegħed jagħti lok għal dak li jissejjaħ "*compensation syndrome*", li ma tagħtix lok għal ġustifikazzjoni ta' likwidazzjoni ta' danni[10]. Il-Qorti qieset b'reqqa l-provi mressqin mill-attur dwar dan u jidhrilha li hemm nisġa kontinwa bejn iċ-ċirkostanza tal-inċident u s-sejba tal-kawża tal-uġigħ li baqa' jħoss fil-polz lemini tiegħu madwar sena u ħdax-il xahar wara;

Illi jirriżultalha wkoll li kellu jkun aċċertament aktar mirqum b'apparat iżjed sofistikat – is-C.T. Scan – li kellu joħroġ id-debilita' li l-attur kien ġarrab fl-inċident. Il-Qorti hija wkoll soddisfatta li dik id-debilita' seħħet fil-ħin tal-ħabta u

[7] Xhieda tiegħu 6.5.2004, f'paġ. 27 tal-proċess
[8] Dokti "FDC" u "FDD", f'paġġ. 17-8 tal-proċess
[9] Dok "FDA", f'paġ. 19 tal-proċess
[10] App. Ċiv. **15.1.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Peter Sultana vs Anthony Abela Caruana***

kienet effett dirett tagħha li l-ebda traskuraġni min-naħa tal-attur ma ikkontribwiet għaliha;

Illi, qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tillikwida s-somma ta' danni li għandha tingħata lill-attur bħala kumpens għat-telf fil-ġejjieni, huwa meħtieġ li jiġi mistħarreġ il-kejl li sejjer jittieħed dwar il-ġejjieni li fuqu t-talba attriċi qegħda tinbena. Il-kwestjoni tal-*multiplier* li normalment jintuża bħala meżż biex it-telf ta' qligħ li jingħata l-attur jiġi kalkolat hija waħda li dwarha l-Qrati tagħna f'dawn l-aħħar żminijiet flew sewwa. Xi kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-*multiplier* bħala "*a figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue - that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the 'contingencies' (i.e. that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred), and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of* ***estimation in the light of the facts*** *of the particular case and of other comparable cases*"[11];

Illi huwa stabilit li l-*multiplier* għandu jibda jitqies minn dak inhar li seħħ l-inċident li fih il-vittma tkun ġarrbet il-ġrieħi[12], u mhux minn dak inhar li l-Qorti tasal għal-likwidazzjoni tas-somma li għandha titħallas bħala danni. Minbarra dan, il-bixra ta' ħsieb wara sentenzi ta' dawn l-aħħar snin f'dan il-qasam qegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta' skemi riġidi li jistgħu jfixklu l-għoti ta' kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi. Waħda minn dawn l-iżviluppi hija sewwasew fil-massimu tal-*multiplier*, fejn għal numru kbir ta' snin ma tqiesx li seta' jaqbeż l-għoxrin (20). Għar-raġunijiet li l-Qorti għandha tfittex qabel kull ħaġa oħra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun ġarrab ħsara[13], u li terġa' tqiegħed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kienet qabel l-inċident[14], illum huwa aċċettat u approvat

[11] Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law (6th Edit, 1999), paġ. 122
[12] App. Ċiv. **16.11.1983** fil-kawża fl-ismijiet ***Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri***
[13] App. Kumm. **26.7.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Mary Buġeja noe et vs George Aġius et noe***
[14] Kumm. **11.7.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Aġius vs Joseph Galea et noe***

mill-ogħla Qrati tagħna li l-*multiplier* ikun jaqbel sewwa mal-eta' tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji[15];

Illi, applikati dawn il-prinċipji għall-fatti riżultanti mill-atti tal-kawża, joħroġ li l-attur kellu għoxrin (20) sena magħluqa meta seħħ l-inċident u li kien jaqla' madwar sebat elef u tliet mija u sittax-il lira Maltija (Lm 7316) fis-sena gross. Ma' dawn, wera li kien jiddikjara dħul ieħor bħala *visiting lecturer* fl-universita', u dan fl-ammont ta' mija u tletin lira Maltija (Lm 130). F'dan il-każ, u minħabba l-*multiplier* li sejjer jiġi adottat, il-Qorti qegħda tqis id-dħul gross tal-attur, mingħajr tnaqqis ta' kontribuzzjonijiet ta' sigurta' soċjali jew ta' taxxa tad-dħul, u dan biex tagħmel tajjeb għaż-żidiet li huwa mistenni li jkollu fis-snin li ġejjin fid-dħul tiegħu;

Illi, ukoll fid-dawl ta' dak li ngħad iżjed 'il fuq u b'qies ta' dawk li komunement jissejħu ċ-*chances and changes* tal-ħajja, il-Qorti sejra tqis *multiplier* ta' erbgħin (40) bħala applikabbli għall-każ tal-attur;

Illi, għalhekk, il-Qorti qegħda tqis li d-danni li ġarrab l-attur jitilgħu għal sitta u għoxrin elf tmien mija u wieħed u disgħin lira Maltija (Lm 8935) [(Lm 7446) x 0.03[16] x 40[17]]. Ladarba s-somma hekk likwidata qegħda tingħata f'daqqa, u ż-żmien li ilha tinstama' l-kawża sa minn mindu tressqet iċ-Ċitazzjoni ma jirriżultax li kien imtawwal bla ħtieġa, mis-somma msemmija għandu jitnaqqas is-sehem tal-*lump sum payment* li huwa stabilit bħala għoxrin fil-mija (20%) tas-somma likwidata. Dan jammonta għal elf seba' mija u sebgħa u tmenin lira Maltija (Lm 1787). Ma' din is-somma għandha tiżdied is-somma ta' Lm 93 likwidata aktar 'il fuq bħala *damnum emergens*. Dan iġib li l-attur għandu jirċievi s-somma ta' sebat elef mitejn u wieħed u erbgħin lira Maltija (Lm 7241) għas-saldu tad-danni minnu mġarrba fl-inċident imsemmi bi ħtija tal-imħarrek;

---

[15] P.A. **15.6.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Karen Żimelli vs Michael Sammut*** ; P.A. RCP **25.1.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Gordon Spiteri vs Waste Control Services*** Limited ;u App. Ċiv. **15.1.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Micallef StJohn et vs Richard Spiteri et***

[16] Jiġifieri l-10% grad ta' debilita'

[17] Il-*multiplier* applikat għall-każ

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi, fil-kontumaċja tal-imħarrek:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tiddikjara li l-imħarrek waħdu jaħti għall-ħabta li seħħet fid-9 ta' Frar, 2001, fi Triq is-Salini, San Pawl il-Baħar, bejn il-karozza tal-għamla *Subaru 700* reġistrata DAJ-852 misjuqa mill-attur, u x-xarabank tal-għamla *Plaxton* reġistrata JCY-883 misjuqa mill-istess imħarrek, u dan minħabba sewqan eċċessiv, b'mod perikoluż, u nuqqas ta' ħarsien tar-regolamenti tas-sewqan, f'liema inċident l-attur ġarrab ħsara fil-karozza misjuqa minnu u ġrieħi li ħallew fuqu danni li ma jmorrux;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u billi l-imħarrek irid jagħmel tajjeb għall-ħsara mġarrba mill-attur, qegħda tillikwida dawn id-danni fis-somma ta' sebat elef mitejn u wieħed u erbgħin lira Maltija (Lm 7241);

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u qegħda tikkundanna lill-imħarrek iħallas lill-attur is-somma ta' Lm 7241 bħala danni hekk likwidati, bl-imgħax fuq l-istess somma b'effett millum; u

**Tikkundanna lill-imħarrek** iħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------